# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## INTERPRETAZZJONI TA' DECIZJONI NUMRU: 141

KAZ NRU 183

Wara d-Decizjoni fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

l-Ghaqda (Union) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna (DSESU)

u

l-Management tal-Malta Drydocks

Data: 29 ta' Marzu, 1984

Chairman: A Debono C.P.A.A.
Membri: R Pizzuto C.P.A.A.
S Spiteri

L-Assistent Segretarju tad-DSESU permezz ta' ittra bid-data 4 ta' Lulju, 1983, kiteb lil dan it-Tribunal rigward notifika ta' disprezz, talba ghal klarifika ta' parti tad-Decizjoni Nru 141, li kienet inghatat nhar id-29 ta' April, 1983 u l-harsien ta' ftehemiet.

Sabiex jikkunsidra t-talba tal-Union, it-Tribunal iltaqa' darbtejn fil-pubbliku u ghamel seduti ohra "in camera".

Gew sottomessi dawn id-dokumenti:

A. Kopja ta' ittra minghand is-Sur A Degiovanni lill Major S.J.A. Clews bid-data tat-2 ta' Mejju, 1983 fuq talba ghal trasferiment lura ghal xoghol kuntrattwali.

B. Kopja ta' ittra minghand is-Sur A Degiovanni bid-data tat-2 ta' Mejju, 1983 fuq avviz ta' sospenzjoni ta' azzjoni industrijali talba ghal-laqgha.

C. Kopja ta' ittra minghand is-Sur A Degiovanni bid-data ta' 9 ta' Mejju, 1983 lis-Sur S Brincat - talba ghal laqgha.

D. Kopja ta' ittra minghand is-Sur A Degiovanni bid-data tat-2 ta' Gunju, 1983 lil-Maj.Clews "Avviz ghal temm ta' Impieg".

E. Kopja ta' ittra minghand Major Clews lis-Sur A Degiovanni bid-data ta' 8 ta' Gunju, 1983.

F. Ittra minghand is-Sur R Balzan, A/Segretarju DSESU lis-Segretarju tat-Tribunal fuq: i) Notifika ta' Disprezz; ii) Talba ghall-interpretazzjoni ta' l-Award; iii) Harsien ta' ftehimiet bid-data 4 ta' Lulju, 1983.

G. Kopja ta' ittra minghand is-Sur A Degiovanni bid-data tas-7 ta' Lulju, 1983 lil Major Clews fuq Avviz ta' Temm ta' Impieg.

H. Ittra minghand is-Segretarju DSESU bid-data tas-17 ta' Awissu, 1983 rigward il-punti msemmija f'Dok F.

DOK NRU 1: Ittra minghand is-Segretarju DSESU bid-data tat-28 ta' Settembru, 1983 lis-Segretarju Tribunal Industrijali fuq hlas tas-Salarju ta' Departmental Manager Group III is-Sur E Grech (b'sitt documenti annessi).

DOK NRU 2: Ittra mill-Malta Drydocks bid-data tad-29 ta' Settembru, 1983 lis-Segretarju tat-Tribunal dwar arretrati pagabbli lis-Sur E Grech.

DOK NRU 3: Ittra minghand il-General Manager, Drydocks, bid-data 20 ta' Ottubru, 1983 lis-Segretarju ta' Tribunal fuq Kaz Nru 183.

DOK NRU 4: Kopja ta' Skeda Komparattiva ta' Salarju ghal fini ta' Interpretazzjoni ta' l-Award Nru 141 bid-data 7 ta' Novembru, 1983 minghand is-Segretarju DSESU.

1. <u>Notifika ta' Disprezz</u> - Billi s-Sur A Degiovanni rrizenja mill-impieg tieghu, it-Tribunal ma jarax lok ghal passi ulterjuri fuq dan il-punt, madankollu t-Tribunal irid iwissi li l-esekuzzjoni ta' Award ghandha ssehh kif ikun gie stipulat mit-Tribunal.

2. <u>Interpretazzjoni</u> - ta' l-Award - Parti Numru 1 - li jirrigwardja lis-Sur E Grech.

It-Tribunal ihaddan il-principju li meta mpjegat jaqdi dmirijiet ta' mpjegat iehor li jkun ta' Grad ghola, dan ghandu d-dritt li ghal matul il-perijodu ta' sostituzzjoni, l-paga tieghu tizdiedlu b'mhux anqas mill-ekwivalenti ta' increment wiehed shih applikabbli ghal grad li hu jkun qed jissostitwixxi.

Ghalhekk, is-somma ta' £M1,105.15 hija dovuta lis-Sur E Grech ghal matul il-perjodu 10 ta' Lulju, 1978 sat-30 ta' Gunju, 1983 (ara Appendix A) liema somma irid jitnaqqas minnha l-ammont ta' overtime, jekk kemm il-darba il-gradi ta' Management mhumiex intitolati ghal-hlas ta' overtime, li s-Sur Grech seta' thallas f'dan l-istess il-perijodu li fih it-Tribunal ikkonsidrah li hu ghamel dmirijiet fil-Management.

3. <u>Harsien ta' Ftehimiet</u>: Mill-parti 4 ta' l-Award Nru 141 tohrog cara l-intenzjoni tat-Tribunal ghal dak li jirrigwardja r-relazzjonijiet bejn il-Management tal-Malta Drydocks u d-DSESU, tant li l-bazi ta' l-Award qeda fir-rakkomandazzjoni qawwija li t-Tribunal ghamel sabiex isir kull sforz mill-partijiet biex jintlahaq ftehim fuq il-punti li dak iz-zmien kienu in kwistjoni.

Kemm naha kif ukoll lohra irid ikollhom ir-rieda u fl-istess hin iridu juru ddisposizzjoni biex jilhqu ftehim; it-tnejn iridu jkunu dejjem lesti li jirrispettaw il-ftehimiet li jkunu lahqu bejniethom.

It-Tribunal jirrikmanda li ghandha tinholoq atmosfera ta' fiducja bejn il-Union u l-Management sabiex il-laqghat jergghu jibdew fuq basi regolari u b'hekk tinstab soluzzjoni accettabli ghaz-zewg partijiet fuq il-punti in kwistjoni.

Fiz-zmienijiet li ninsabu fihom, meta wiehed jkun jinnegozja ghal xi ftehim fuq kwistjonijiet ta' xoghol li l-effett taghhom jista' ikollu riperkussjonijiet fuq ir-rizorsi finanzjarji ta' l-Intrapriza li din tkun mahkuma minn ricessjoni, it-Tribunal jirrikmanda li wiehed ghandu juza sens ta' prudenza fit-talbiet tieghu.

A. DEBONO
Chairman

R PIZZUTO
Membru

S SPITERI
Membru

A. BARTOLO PARNIS
Segretarju

.../4

Appendix 'A'

| PERIOD | SALARY SCALE ALREADY PAID | SALARY SCALE AS PER INTERPRETATION | AMOUNT DUE | REMARKS |
|---|---|---|---|---|
| | £M | £M | £M | |
| 10.7.78 to 24.6.79 | 2,120.74 | 2,340.04 | 210.29 (a) | BASIC OF ACTING GRADE III |
| 25.6.79 to 3.1.80 | 2,239.54 | 2,418.04 | 94.38 (b) | BASIC OF GRADE III |
| 4.1.80 to 30.6.80 | 3,000.00 | 3,210.00 | 102.98 (c) | BASIC OF GRADE III |
| 1.7.80 to 30.6.81 | 3,227.00 | 3,447.00 | 220.00 | BASIC OF GRADE III + 1 |
| 1.7.81 to 30.6.82 | 3,610.00 | 3,840.00 | 230.00 | BASIC OF GRADE III + 2 |
| 1.7.82 to 30.6.83 | 4.059.50 | 4,307.00 | 247.50 | BASIC OF GRADE III + 3 |
| | | | £M1,105.15 * | |

* Minn dan l-ammont trid titnaqqas is-somma ta' overtime, jekk kemm il-darba il-gradi fil-Management mhumiex intitolati ghal hlas ta' overtime, li setghet thallset lis-Sur E Grech matul il-perijodu 10 ta' Lulju, 1978 sat-30 ta' Gunju, 1983, f'liema perijodu it-Tribunal jikkonsidrah li hu kien jghamel parti mill-Management.

a) Kalkulat fuq 350 gurnata
b) Kalkulat fuq 193 gurnata
c) Kalkulat fuq 179 gurnata

ja